# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 1 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 178/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rowina Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rowina Borg talli fit-18 ta' April 2000, ghall-habta tas-6.00pm fil-hanut Elizir, Triq in-Nutar Manwel Debono, Naxxar (**1**) naqset li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1] fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilha mhallsa ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998; (**2**) talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provvduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tal-Erbatax-il skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998; u (**3**) talli fl-istess zmien u fl-istess post naqset li zzomm kopji tal-ircevuti mahruga skond l-Erbatax-il skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1(g) tat-Tnax-il skeda li tinsab ma' l-istess Att u l-artikolu 76(b) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Rowina Borg mhux hatja skond it-tieni imputazzjoni, izda sabitha hatja skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tielet imputazzjoni, u kkundannatha multa ta' Lm200 fuq l-ewwel imputazzjoni u Lm150 fuq it-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Rowina Borg, minnha ppresentat fil-11 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

---

[1] Kap. 406.

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**1.** L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu, bazikament, li hija bhala impjegata ma setghetx tinstab hatja (cioe` ma setghetx tinstab kriminalment responsabbli) tar-reati ipotizzati fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni. Skond l-appellanti, hija biss il-persuna registrata li tista' tinstab hatja ta' dawn ir-reati.

**2.** Mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti jidher li dana l-punt specifiku – essenzjalment wiehed ta' interpretazzjoni tal-ligi – tqajjem quddiem din il-Qorti u gie deciz darba biss, u dan fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Pauline Vella***, deciz minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-17 ta' Mejju, 1999. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet irriteniet li a bazi ta' l-Artikoli 62(2) u 66 tal-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa – liema Artikoli 62(2) u 66 kienu sostanzjalment simili, ghalkemm mhux identici, ghall-Artikoli 77 u 82(2) tal-Kap. 406 – anke impjegati kienu kriminalment responsabbli taht dak il-Att (tal-1997) "ghal xi non-osservanza ta' xi obbligu legali mpost fuqhom hu hemm stipulat, bhal ma huwa l-obbligu li l-appellanti qed tigi akkuzata li naqset li tosserva" (cioe` kienet naqset li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa ghall-finijiet ta' dak l-Att).

**3.** Din il-Qorti, pero`, tosserva li fil-kamp penali il-ligijiet ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva, fis-sens illi l-qrati ma ghandhomx joholqu reat jew piena jekk il-legislatur ma jkunx ipprovda b'mod car ghal tali reat jew tali piena. Kif inghad fis-sentenza ***Scott v Cawsey*** (1907) 5 CLR, *"When it is said that penal Acts or fiscal Acts should receive a strict construction I apprehend it amounts to nothing more than this. Where Parliament has in the public interest thought fit in the one case to restrain private action to a limited extent and to penalise a contravention of its directions, and in the other to exact from individuals certain contributions to the general revenue, a Court should be specially careful, in view of the consequences on both sides, to ascertain and enforce the actual commands of the legislature, not weakening them in favour of private reasons to the detriment of the public welfare, nor enlarging them as against the individuals towards whom they are directed"* (at 154). Inoltre, kif inghad fil-kaz ***Ex parte Fitzgerald; Re Gordon*** (1945) 45 SR (NSW) 182, *"If conduct of a particular kind stands outside the language of a penal section, the fact that a Court takes the view that it is through inadvertence of the Legislature that it has not been included does not authorise it to assume to remedy the omission by giving the penal provision a wider scope than its languega admits"* (at 186)[2].

[2] Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju, 1994 fl-ismijiet ***The Police v. Darryl Burr***.

**4.** L-Artikolu 51 tal-Kap. 406 jipprovdi li *"Kull persuna registrata li taghmel provvista, minbarra provvista li ghaliha japplika l-artikolu 50, ghandha taghti lill-persuna li lilha tkun ghamlet il-provvista dik il-fattura, ricevuta jew dokument iehor kif muri fl-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att u ghandu jkollha l-forma u ghandha turi dawk il-partikolaritajiet u tinhareg b'dak il-mod kif muri fl-imsemmija Skeda"*. L-Erbatax-il Skeda, imbghad, tispecifika kif ghandha tinhareg u kif ghandha tkun din l-ircevuta fiskali li ghandha tohrog il-persuna registrata lil dik il-persuna li lilha tkun ghamlet il-provvista. Ir-reat ta' minn jonqos li jaghmel hekk – u ghalhekk ir-reat kommess mill-persuna registrata – johrog mill-Artikolu 77 tal-ligi in dizamina, u b'mod partikolari mill-paragrafi (a) u (e) tieghu.

**5.** Id-disposizzjoni li fuqha qed tistrieh il-prosekuzzjoni in sostenn tat-tezi li anke l-impjegat hu kriminalment passibli meta huwa, a nom tal-principal tieghu jew fit-twettiq ta' l-impieg tieghu, jonqos milli johrog ricevuta fiskali, hija dik il-parti tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 82 li tghid hekk: *"Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq ta' l-impieg tieghu, jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' dik il-persuna registrata, sew jekk din il-persuna l-ohra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima*[3] *bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna ohra innifisha kif ukoll mill-principal taghhom jew persuna registrata…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din id-disposizzjoni, pero`, fiha nnifisha ma hi qed tohloq ebda reat; qed tipprovdi semplicement ghar-responsabbilta` vikarja tal-principal jew tal-persuna registrata ghal dak l-eghmil jew nuqqas tal-impjegat jew persuna ohra. Fi kliem iehor, dak li jaghmel jew jonqos milli jaghmel l-impjegat jew il-persuna l-ohra jitqies daqs li kieku ghamlu jew naqas milli jaghmlu il-principal jew persuna registrata; u, jekk dak l-eghmil jew nuqqas, li allura issa jitqies li sar jew li naqas milli jsir mill-principal jew mill-persuna registrata, jammonta ghal reat taht xi disposizzjoni tal-ligi, allura l-principal jew il-persuna registrata jkunu qed jikkommettu reat. Dan u dan biss huwa s-sens tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 82 – u cioe` li johloq ir-responsabbilta` vikarja tal-principal jew persuna registrata – u mhux li johloq ir-responsabbilta` penali tal-impjegat jew tal-persuna l-ohra (li tkun qed tagixxi a nom tal-persuna registrata).

**6.** Hija ghalhekk korretta l-appellanti meta tikkontendi li hija ma setghetx tinstab hatja skond l-ewwel imputazzjoni. Il-fatt li l-Artikolu 77 (bhal l-Artikoli 76 u 81) jibda bil-kliem "Kull persuna…" u mhux bil-kliem "Kull persuna registrata…" huwa

[3] Cioe` id-disposizzjonijiet tat-Taqsima X tal-Att, liema taqsima titratta dwar "Reati u Pieni".

kjarament dovut ghal fatt li certi disposizzjonijiet fil-Att jimponu obbligi fuq persuni li ma humiex persuni registrati, bhall-obbligu fuq il-persuna li tkun inghatat fattura ta' taxxa (Art. 52) jew il-persuna li minghadha tintalab certa informazzjoni taht l-Artikolu 53(c). Ghalhekk, l-uzu ta' l-espressjoni "Kull persuna…" ma jistax jinghata s-sinjifikat li donnu nghata minn din il-Qorti fis-sentenza ta' ***Pauline Vella*** u cioe` li testendi r-responsabbilta` penali anke ghall-impjegat jew impjegata tal-persuna registrata (jew ghall-persuna li tkun qed tagixxi a nom tal-persuna registrata).

**7.** L-istess jista' jinghad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni. Skond il-partita 1(g) tat-Tnax-il Skeda hija l-persuna registrata li ghandha zzomm il-kopji tal-ircevuti fiskali ecc. Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 76(b), ghalhekk, jigi kommess mill-persuna registrata u mhux mill-impjegat jew impjegata ta' dik il-persuna registrata.

L-ewwel aggravju tal-appellanti jimmerita, ghalhekk, li jigi milqugh.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha fil-bqija (u cioe` fejn sabitha hatja skond iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra u fejn infliggiet il-multi fir-rigward ta' dawk iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra), u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija w piena.

(ft.) Aldo Testone
D/Registratur